PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2008/2184(INI)

13.2.2009

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE dwar id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu u jgħixu b'mod ħieles fit-territorju tal-Istati Membri
(2008/2184(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Monica Frassoni

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A billi għandu jiġi kkunsidrat l-abbozz ta' rapport interim tal-'Istudju komparattiv dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE dwar id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu u jgħixu b'mod ħieles fit-territorju tal-Istati Membri' mitlub mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali u ppreżentat mis-Servizz ta' Azzjoni taċ-Ċittadini Ewropej (ECAS),

1. Jinnota li diversi dispożizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni ta' ħafna mill-Istati Membri huma kontra l-kontenut u l-ispirtu tad-Direttiva, ixekklu d-drittijiet tal-moviment ħieles u ċ-ċittadinanza tal-UE, u li l-prassi amministrattivi nazzjonali ħafna drabi jikkostitwixxu ostakoli sinifikanti għall-eżerċitar miċ-ċittadini tad-drittijiet tagħhom;

2. Jinnota b'diżappunt li t-traspożizzjoni tad-Direttiva hija sodisfaċenti biss f'Ċipru, fil-Greċja, fil-Finlandja, fil-Lussemburgu, f'Malta, fil-Portugall u fi Spanja;

3. Jinnota li dan juri li l-Kummissjoni ma setgħetx tiżgura konformità koerenti u fil-ħin mad-Direttiva mill-Istati Membri u biex titratta n-numru kbir ta' lmenti miċ-ċittadini rigward l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva; jitlob lill-Kummissjoni biex telabora u tippreżenta lill-Parlament politika ta' infurzar trasparenti, effettiva u konsistenti li tiggarantixxi l-applikazzjoni tad-drittijiet ta' moviment ħieles; iqis li n-nuqqas tar-riżorsi umani u finanzjarji allokati fil-Kummissjoni għat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tad-Direttiva jirrappreżenta ostakolu serju għall-kapaċità tal-Kummissjoni biex timmonitorja b'mod kredibbli l-applikazzjoni tad-Direttiva fl-Istati Membri kollha u għalhekk għall-unità tal-liġi fi kwistjoni bħal din li hija kruċjali għaċ-ċittadini tal-UE;

4. Jinnota li l-falliment tal-applikazzjoni korretta tad-Direttiva mill-Istati Membri jitlob li jiġi kkunsidrat l-emendar tal-iktar dispożizzjonijiet problematiċi, b'mod partikolari d-dritt tad-dħul u r-residenza ta' membri tal-familja minn pajjiżi terzi u l-ħtieġa għaċ-ċittadini tal-UE li jippreżentaw, flimkien mal-applikazzjonijiet għal residenza, dokumenti addizzjonali mhux previsti fid-Direttiva;

5. Jinnota l-impatt sinifikanti negattiv fuq id-drittijiet taċ-ċittadini ta' prassi amministrattivi li mhumiex konformi mal-liġi Komunitarja; jiġbed l-attenzjoni, bħala eżempju, għall-proliferazzjoni ta' karti tal-identità u karti ta' residenza differenti fl-Istati Membri, fatt li għamel l-eżerċitar miċ-ċittadini tal-UE tad-dritt tagħhom għal moviment ħieles konfuż u ta' dwejjaq; jiġbed l-attenzjoni li, fi Spanja, minbarra ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni, iċ-ċittadini tal-UE jingħatalhom Numru tal-Identità għall-Barranin li huwa neċessarju biex wieħed jaħdem jew jirreġistra mas-sistema tas-sigurtà soċjali Spanjola, li Franza żammet ukoll titolu ta' residenza voluntarju ambigwu minbarra ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni maħruġ għaċ-ċittadini tal-Unjoni u li fi Stati Membri bħar-Repubblika Ċeka, l-Iżvezja u l-Belġju, l-awtoritajiet jitolbu dokumenti addizzjonali sabiex joħorġu karti ta' residenza jew jimponu kundizzjonijiet li mhumiex elenkati fid-Direttiva;

6. Jiġbed l-attenzjoni li t-traspożizzjoni tal-prinċipju tar-"riżorsi suffiċjenti" fl-Istati Membri

toħloq konfużjoni fost iċ-ċittadini tal-UE minħabba li dan il-prinċipju huwa definit b'mod ambigwu fil-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-livelli kollha; jiġbed l-attenzjoni li dan joħloq tħassib kbir, pereżempju b'relazzjoni għal-leġiżlazzjoni Taljana li tirrikjedi li ċ-ċittadini Ewropej jipprovaw l-awtentiċità tar-riżorsi suffiċjenti tagħhom;

7. Jinnota li s-sitwazzjoni tal-konjuġi reġistrati li jibbenefikaw mid-Direttiva mhix dejjem hija ċara, speċjalment f'dawk il-pajjiżi li ma jirrikonoxxux sħubija reġistrata (registered partnership); jitlob lill-Kummissjoni biex timmonitorja b'attenzjoni dan l-aspett importanti tad-Direttiva;

8. Jiġbed l-attenzjoni li l-ostakoli legali u amministrattivi li jaffettwaw membri tal-familja ta' pajjiżi terzi huma problematiċi ħafna; jinnota li bi ksur tad-Direttiva, il-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit ma timpedixxix membru tal-familja li mhux ċittadin tal-UE u li għandu karta ta' residenza maħruġa minn pajjiż ieħor milli jidħol fil-pajjiż mingħajr visa, u li l-prassi amministrattivi tar-Renju Unit huma tali li dewmien fit-tul u dokumentazzjoni estensiva fl-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal karti ta' residenza għall-membri tal-familja li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi jikkostitwixxu wkoll ostakoli sinifikanti għall-eżerċitar ta' drittijiet għall-moviment ħieles; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li fl-Estonja, ċittadini ta' pajjiżi terzi jaffaċċjaw problemi meta jippruvaw jidħlu fil-pajjiż b'karta ta' residenza maħruġa minn Stat Membru ieħor u li membri tal-familja ta' pajjiż terz li japplikaw għal viżas intalbu wkoll iħallsu tariffa għall-viża; jiġbed l-attenzjoni li fl-Italja, ċittadin ta' pajjiż terz li japplika biex jerġa' jingħaqad mal-familja, se jintalab juri l-legalità tal-oriġini tar-riżorsi ekonomiċi tiegħu/tagħha, li l-ammont tagħhom ma jistgħux ikunu inqas mill-benefiċċji soċjali annwali;

9. Ifakkar li l-eċċezzjonijiet tal-politika pubblika ma jistgħux iservu għanijiet ekonomiċi jew isegwu għanijiet preventivi ġenerali; jinnota n-nuqqas ta' leġiżlazzjoni Estonjana u Ungeriża dwar referenza ċara għall-esklużjoni ta' għanijiet ekonomiċi meta tkun imposta ordni ta' espulsjoni u, fil-leġiżlazzjoni Ungeriża u Rumena, in-nuqqas ta' kwalunkwe referenza għall-esklużjoni ta' offiżi kriminali preċedenti u għanijiet preventivi ġenerali.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	12.2.2009
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 10 –: 5 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alin Lucian Antochi, Monica Frassoni, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Klaus-Heiner Lehne, Alain Lipietz, Manuel Medina Ortega, Aloyzas Sakalas, Francesco Enrico Speroni, Rainer Wieland, Jaroslav Zvěřina, Tadeusz Zwiefka
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Sharon Bowles, Mogens Camre, Brian Crowley, Jean-Paul Gauzès, Kurt Lechner, Georgios Papastamkos